## 12 ta' Frar, 1946.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**John Falzon ne. *versus* Dr. Giuseppe Vella ne. et.**

**Tassazzjoni — Ritassa — Kjamata fil-Kawża — Integrazzjoni tal-Ġudizzju — Avukat.**

*Ir-ritassa, meta ssir istanza għaliha, tirrigwarda lil dawk kollha li hemm interessati fil-kawża li dwarha ssir ir-ritassa; u għalhekk fil-kawża tar-ritassa għandhom ikunu parti dawk l-interessati kollha; u fost dawn l-interessati hemm id-difensuri tal-partijiet. Għalhekk, meta d-difensuri li dehru fil-kawża l-oħra ma ġewx imdaħħlin fil-kawża tar-ritassa, hemm lok għall-kjamata tagħhom fil-kawża biex il-ġudizzju jkun integru, avvolja xi ħadd minnhom ikun iddikiara li huwa joqgħod għar-ritassa.*

*Ir-regoli dwar l-integrazzjoni tal-ġudizzju huma ta' ordni pubbliku, u ma jistgħux jiġu derogati anqas bl-annuwenza ta' l-interessati.*

Il-Qorti, — Fuq l-inċident verbalizzat fol. 36, dwar is-sottomissjoni tad-difensur tal-konvenut Dr. Vella ne., fis-sens illi jmissu ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat Dr. Giuseppe Pace, li kien difensur ta' l-attur fil-kawża li relativament għaliha qiegħda tiġi mitluba r-ritassa;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bit-tassazzjoni li ssir wara li tiġi mogħtija sentenza jiġu determinati żewġ serji ta' rapporti patrimonjali; wieħed jirrigwarda r-relazzjonijiet tal-kollitiganti bejniethom, u t-titolu ta' *eżekuzzjoni huwa s-sentenza stess*; u l-ieħor jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn id-difensuri u l-klijenti, u t-titolu eżekuttiv huwa t-taxxa (ara sentenza ta' din il-Qorti 29. 3. 1892. "Scicluna vs. Axiak");

Illi għalhekk ir-ritassa, meta tiġi proposta istanza għaliha, tirrigwarda dawk l-istess interessati; u kien fuq dan il-motiv, fost oħrajn, li ġie deċiż illi f'kawża ta' ritassa anki d-difensuri għandhom ikunu parti fil-kawża (ara sentenza ta' din il-Qorti simi'lment presjeduta, "Libreri vs. Staines ne.", 29 ta' Ottubru 1936);

Illi l-attur issottometta li f'dan il-każ ma hemmx bżonn il-kjamata in kawża ta' Dr. Pace, peress li kien għamel diġà

ranġament mieghu fis-sens li jogħod għar-ritassa (ara dikjarazzjoni ta' l-attur konfermata personalment minn Dr. Pace fol. 36);

Illi dan ir-ranġament, fl-opinjoni tal-Qorti, ma jneħħix in-neċessità tal-kjamata in kawża, għal tliet raġunijiet:—

1. Il-fatt li personalment Dr. Pace jaqbel ma' l-assunt ta' l-attur juri li hu għandu interess, għaliex, kieku ma kelliux, ma kienx ikun il-każ la li jaqbel u lanqas li ma jaqbelx. U jingħad "personalment", għaliex hija l-kwalità personali, u mhux dik professjonali, ta' Dr. Pace, li tinteressa dan l-inċident;

2. Qatt ma ġie dubitat illi għandhom interess tali, li jilleġittima l-kjamata in kawża tagħhom, anki dawk li jaostnu r-raġunijiet ta' l-attur (ara "Stepton vs. Spiteri", 28. XI. 1898, App. Inf. Civ.), bħal ma fil-fatt qiegħed jagħmel f'dan il-każ Dr. Pace, kif jidher mid-dikjarazzjoni verbalizzata;

3. Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-integrazzjoni ta' proċess bil-preżenza ta' l-interessati kollha — meta wieħed iqis il-fondament ġuridiku tagħhom — huma ta' ordni pubbliku, li ma jistgħux jiġu derogati bl-annuwenza ta' interessat li ma jiġix imsejjaħ fil-kawża;

*Għalhekk il-Qorti tiddirimi l-inċident billi tordna l-kjamata in kawża ta' l-Avukat Dottor Giuseppe Pace, provviżorjament a diliġenza u spejjeż ta' l-attur nomine;*

*Spejjeż riżervati.*

---